# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum il-Gimgha 29 ta' April 2022

Rikors Nru. **571/20171ISB**

**Calamatta Cuschieri Investments Services Limited (C 13729) et**

**Vs**

**Pefaco International Plc (C-65718)**

Il-Qorti :

***Dan huwa digriet moghti in camera dwar rikors illi pprezenta ir-Ricevitur Ufficjali Dr Kevan Azzopardi fis-6 ta' April 2022, fil-vesti tieghu ta' stralcarju tas-socjeta` Maltija Pefaco International Plc (C-65718)***

Rat ir-rikors tar-Ricevitur Ufficjali Dr Kevan Azzopardi tas-6 ta' April 2022, fil-vesti tieghu ta' stralcarju tas-socjeta` Maltija Pefaco International Plc (C-65718), li bih talab lil din l-Qorti sabiex:

1. *tirrikjama l-kawża odjerna li tinstab differita għad-9 ta' Mejju 2022 għal data kemm jista jkun fil-qrib skont ma dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi sabiex dan ir-rikors jinstema b' urġenza;*

2. *irrispettivament mill ewwel talba, jekk ikun hemm bzonn anki in camera stante l-urġenza, tipprovdi bl-aħjar mod li jidhrilha xieraq għal protezzjoni mistħoqqa tal-esponenti kemm fil-kwalita tiegħu ta' Riċevitur Uffiċjali, dik ta' stralċarju maħtur taħt l-awtorita ta' dina l-Onorabbli Qorti, kif ukoll f'ismu personali, permezz ta' dawk l-ordnijiet li jidrilha xierqa u opportuni, fosthom jekk jidhrilha xieraq, dawk diplomatiċi;*

3. *tordna sabiex is-socjeta` xolta Pefaco International Ltd u d-diretturi u azzjonisti tagħha, jew min minnhom, tenut kont li l-kumpanija xolta għad m'għandiex attiv f' idejn l-istralċarju, jagħmlu tajjeb, inkluż b'għoti ta' garanzija finanzjarja li titħallas taħt l-Awtorita` ta' dina l-Onorabbli Qorti in tutela ta' l-ispejjeż li l-esponenti nkorra u se jinkorri in konnesjoni ma din il-kwistjoni, u li tirriserva li tvarja fi stadju ulterjuri l-ammont ta' tali garanzija jekk jirriżulta li l-ammont inizjali ma jkunx suffiċjenti sabiex jiġu koperti l-ispejjeż kollha, fosthom dawk ta' espert f'Malta kif ukoll id-difiża tiegħu quddiem il-Qrati fil-Kosta ta' l-Ivorju, u dan bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 312 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, u liena garanzija tkun tista' tissarraf mill-esponenti bil-preżentata ta' interpellazzjoni għal ħlas mill-Avukati lokali jew esteri tiegħu, jew minn entita jew Awtorita` lokali jew estera, skond il-każ;*

4. *Tordna sabiex fil każ li l-ordni dwar il-garanzija msemmija fit-talba preċedenti tkun fil-konfront ta' uħud biss mill-presuni msemmija fit-talba preċedenti, temporanjament stante l-urġenza tal-kwistjoni, tali garanzija, jew ħlasijiet relatati mad-difiża msemmija hawn fuq, jitħallsu mil-atturi jew min minnhom f'din il-kawża;*

5. *Issib lid-diretturi u azzjonisti tas-socjeta` xolta msemmija, ossia Olivier Cauro, Rene` Le Henry u Grupo Pefaco ħatja ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti talli intavolaw proceduri quddiem il-Qrati tal-Kosta ta' l-Ivorju kontra l-esponenti, li huwa biss il-lunga manus ta' dina l-Onorabbli Qorti bħala likwidatur tagħha u Ricevutur Uffiċjali, skond il-Liġi, bl-intenzjoni ċara li jfixklu l-kompitu ta' din il-Qorti fl-istralċ tas-soċjeta` xolta Pefaco International plc;*

6. *Tordna, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 318 tal-Kap.386 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga u jixli lill-istess Olivier Cauro, Rene` Le Henry, Pefaco International plc u Grupo Pefaco bir-reati kontemplati fl-Artikolu 309(1) tal-Kap. 386, bl-attentat tar-reat kontemplat fl-Artikolu 91, u r-reati kontemplati fl-Artikoli 95, 101, 251 u 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll għal kull reat ieħor li jista' jidhirlu opportun, quddiem il-Qrati kompetenti ta' Malta ta' gurisdizzjoni kriminali;*

7. *Tordna, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 318 tal-Kap.386 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga u jixli lil kull min huwa parteċipi fl-aġir hawn fuq imsemmi u kif ulterjorment jista jirriżulta wara d-debita investigazzjoni mill-istess Kummissarju, għar-reati kriminali fosthom il-misapproprjazzjoni u l-ħasil ta' flus, u reati oħra kontemplati fil-Liġi Maltija;*

U dan wara illi ppremetta illi:

*Illi l-esponenti qiegħed jintavola dan ir-rikors urġenti stante illi, fil-mori, jirrizulta li, b'tentattiv ċar sabiex iqum fih biża u ma jaqdix id-doveri tiegħu bħala Uffiċjal tal-Qorti u Riċevitur Uffiċjali skond il-Ligi, l-esponenti ġie mħarrek quddiem Qrati fil-Kosta tal-Ivorju, bi proċeduri mibdija minn ħadd ħlief uħud mid-diretturi (u azzjonisti) tas-soċjeta` xolta Pefaco International plc stess, u dan talli l-esponenti eżegwixxa l-inkarigu mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti, u cioe`:*

*1. Olivier Cauro li rrappreżenta ruħu bħala li għandu r-rappreżentanza ġudizzjarja tas-soċjeta` xolta Pefaco International plc;*
*2. L-istess Olivier Cauro bħala rapprezentant ta' soċjeta` Spanjola bl-isem Grupo Pefaco; u*
*3. Rene` Le Henry bħala rapprezentant tas-soċjeta` Ivorjana Lydia Ludic Cote D'Ivoire;*

*flimkien ma' terzi. Jiġi speċifikat ukoll li Grupo Pefaco u Olivier Cauro huma azzjonisti tas-soċjeta` xolta Pefaco International plc. Olivier Cauro u Rene` le Henry huma diretturi tas-soċjeta` xolta Pefaco International plc.;*

***Illi l-proċeduri kontra l-esponenti huma skedati għad-29 ta' April 2022 quddiem il-Qorti ta' Prim' Istanza ta' Abidjan-Plateau, fil-Kosta ta' Ivorju. Kopja tad-dokument relatat, inkluż traduzzjoni għal-lingwa Ingliża, qiegħed jiġi anness ma dan ir-rikors animo ritirandi bħala Dok 'a', b'presważjoni li dina l-Onborabbli Qorti tifhem is-sensittivita u kunfidenzjalita ta' dan id-dokument, u li għaldaqstant għandu jinżamm fis-sigrieta tal-Qorti, b' aċċess biss għal dawk l-avukati tal-partijiet li huma intimament involuti;***

***L-isfond tad-diżgwid fil-kumpanija illum xolta Pefaco International plc.***

*Illi l-kumpanija Pefaco International plc. (il-kumpanija xolta) kienet ikkonkludiet proċess li bih offriet l-ishma tagħha fuq il-Malta Stock Exchange, u numru ta' investituri akkwistaw ishma b'investiment ta' ċirka ħmistax il-miljun Ewro (€15,000,000) b`liema investment sar l-akkwist ta` tletin fil mija (30%) tal-pakkett azzjonarju ta` Pefaco, ammont li jikkomprendi l-ispejjeż inkorsi;*

*Illi l-investituri li akkwistaw l-ishma tal-kumpanija xolta tramite l-Malta Stock Exchange u li huma uħud r-rikorrenti f'dawn il-proċeduri, hawn msejjħa bħala l-"investituri minoritarji" jew kif imsejħa minn din il-Qorti diversament preseduta "Genesis Consortium", akkwistaw id-dritt li jeliġu diretturi tal-kumpanija xolta, kif fil fatt għamlu;*

*Illi dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta permezz tas-sentenza tagħha tat-28 ta` Marzu 2019 stabbiliet li "Charles Elazar [Chief Operating Officer tal-kumpanija xolta] ikkonferma li anke wara li r-rikorrenti saru azzjonisti ta` Pefaco,* ***l-modus operandi ta` Cauro u Perez*** *[iż-żewġ diretturi rappreżentanti l-azzjonisti maġoritarji]* ***baqa` dak li kien qabel u cioe` li jibqghu ghaddejjin daqs li kieku ma kienx hemm persuni ohra membri tal-bord tad-diretturi. Huwa bil-wisq evidenti li attitudni ta` din ix-xorta mhijiex accettabbli f`kull sens.*** *[enfażi tal-esponenti]";*

*Illi l-esponenti jtenni li l-problemi li nibtu malli l-investituri minoritarji saru azzjonisti fil-kumpanija xolta għadhom jissussistu sal-llum, minkejja t-tentattivi kollha li saru kemm qabel is-sentenza ċitata, kif ukoll minkejja l-istess sentenza, u x-xogħol kollu li sar mill-esponenti stralċarju taħt id-direzzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li ordnat l-istralċ;*

*Illi dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta, fis-sentenza tagħha ċitata, diġa għamlet analiżi tan-nuqqasijiet u inter alia identifikat (i) in-nuqqas ta` informazzjoni mid-diretturi eżekuttivi Cauro u Perez lid-diretturi l-oħra li jirrappreżentaw lil-azzjonisti minoritarji u lill-awdituri, u (ii) in-nuqqas ta` laqgħat tal-bord tad-diretturi;*

*Illi dawn in-nuqqasijiet jikkostitwixxu reati ai termini ta' l-Artikolu 309 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi dawn qed jissemmew peress li dawn il-problemi għadhom jissussistu anki llum wara d-deċiżjoni tax-xoljiment peress li Cauro u Perez u n-nies li jirrispondu għal-ordnijiet u d-direzzjoni tagħhom, qed jinsistu bit-tmexxija tal-kumpanija xolta, u tal-assi tagħha, bl-esklużjoni tal-esponenti stralċarju daqs li kieku qatt ma ġie ordnat ix-xoljiment u konsegwenzjali stralċ tal-kumpanija xolta;*

***L-assi tal-kumpanija xolta u l-kumplikazzjonijiet li iffaċċja l-esponenti stralċarju fl-irkupru tagħhom***

*Illi l-assi kollha tal-kumpanija xolta huma kostitwiti minn sussidjarji li joperaw fis-settur tal-gaming lokali u casinos ibbażati f' sitt pajjiżi Afrikani hekk kif jidher hawn taħt flimkien ma informazzjoni dwar il-managers tas-sussidjarji u l-perċentwal ta' ażżjonijiet f' isem il-kumpanija xolta:*

- *P.I.L. Benin SARL – Manager Mark Billeci – 90% azzjonista ;*
- *Lydia Ludic Burkina SA – Manager Jean-Pierre Chauvignac - 85% azzjonista;*

- *Lydia Ludic Cote d'Ivoire SARL – Manager Rene Le Henry - 76% azzjonista;*
- *Lydia Ludic Niger SARL – Manager Vincent-Paul Sory - 100% azzjonista;*
- *Ludic East Africa Ltd. – Manager Michel Marin - 100% azzjonista;*
- *Lydia Ludic Togo SARL – Manager Herve Beauquesne - 100% azzjonista;*
- *Simply Lydia Ludic Nigeria Ltd. – Not active - 100% azzjonista; u*
- *Olympic Gaming Ltd – In Liquidation - 75% azzjonista.*

*Illi hekk kif jidher mill-verbal tas-seduta ta' nhar it-tnax (12) ta' Novembru elfejn u dsatax (2019) dina l-Onorabbli Qorti kienet uriet it-tħassib tagħha dwar l-assi tal-kumpanija xolta peress li sa dak inhar ma kienx hemm kontroll fuq l-imsemmija assi u ma kienx hemm għarfien dwar x'kien qed isir mir-rikavat ġenerat minn dawn is-sussidjarji;*

*Illi sussegwentement l-esponenti fittex għajnuna sabiex ikun jista jmexxi s-sussidjarji msemmija hawn fuq, li wassal biex bl-approvazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti mogħtija permezz ta' Digriet datat 18 ta' Frar 2020, huwa ikkonkluda 'management agreement' li bih l-esponenti kien qed jispera li jkun jista jmexxi l-proċess tal-istralċ il-quddiem;*

*Illi **f'dan l-istadju l-esponenti kien qed ikun rinfaċċjat b' allegazzjonijiet tal-azzjonisti minoritarji dwar serq u misapproprjazzjoni li kien qed isir, sħiħ jew parzjali, tar-rikavat ġġenerat min-negozju tas-sussidjarji.** Dawn l-allegazzjonijiet kienu ilhom isiru sa minn qabel ix-xoljiment hekk kif jidher mir-rikors promutur, min-nota ppreżentata mill-Avukat Dr Joseph Camilleri fil-11 ta' Otubru 2019, u mix-xhieda miġjuba quddiem dina l-Onorabbli Qorti;*

*Illi minn-naħa l-oħra azzjonisti maġoritarji kienu qed joġġezzjonaw għal management agreement peress li skont huma, n-nies proposti li kienu se jkunu involuti fit-tmexxija kellhom kunflitti ta' interess. Jingħad li minkejja dan dina l-Onorabbli Qorti approvat il-management agreement imsemmi, deċiżjoni li ma niżlet xejn tajjeb mal-azzjonisti maġoritarji;*

*Illi jiġi spjegat, li l-esponenti, fid-dawl tal-fatt li l-għan tal-istralċ huwa li jiġu likwidati l-assi tal-kumpanija xolta, ma setgħax jinnegozja ma terzi l-bejgħ tal-assi tal-kumpanija xolta jekk ma jkollux informazzjoni dwar in-negozju tas-sussidjarji, il-profitt li kienu qed jiġġeneraw, l-assi u nformazzjoni simili, u l-valur reali tas-sussidjarji fis-suq;*

*Illi minkejja dan, huwa kien qiegħed kontemporanjament imexxi negozjati mal-azzjonisti maġoritarji stress biex huma jixtru r-risidwu tal-interess fis-sussidjarji tal-kumpanija xolta li kien jappartjeni lill-istess kumpanija xolta, fuq kundizzjonijiet simili ta' u li għandhom il-bażi fis-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta. Sfortunatament dawn in-negozjati qatt ma ġew konklużi;*

*Illi wara l-konklużjoni tal-management agreement msemmi hawn fuq, fl-4 ta' Mejju 2020 l-esponenti bagħat email lil-managers msemmija hawn fuq biex*

*jinfurmhom dwar il-bdil fit-tmexxija, u sabiex jinfurmhom li dawn il-managers kellhom jirrapportaw lill-esponenti. Sussegwentement intbagħtu emails b' talbiet għal informazzjoni u kjarifiċi;*

*Illi l-esponenti, fl-isfond li ma kienx irċievi informazzjoni suffiċjenti dwar it-tmexxija ta' dawn is-soċjetajiet talab laqgħat mal-managers tagħhom. F'dan is-sens huwa bagħat email li kien fihom links għal-laqgħat virtwali;*

*Illi l-esponenti f'dan l-istadju irċieva kommunikazzjonijiet minngħand l-avukat tal-azzjonisti maggoritarji, Hivat Tie Bei, li biha huma nsistew li sabiex l-esponenti jiġi rikonoxxut bħala likwidatur u rappreżentant tal-kumpanija xolta ġewwa l-pajjiżi fejn kienu joperaw is-sussidjarji tal-kumpanija xolta, partikolarment ġewwa l-Kosta tal-Ivorju, kien hemm bżonn ta' proċedura fil-Qrati ta' dan il-pajjiż li biha tiġi reża eżekuttiva s-sentenza tal-Qrati Maltin li ħatret lil-esponenti bħala stralċarju. L-esponenti u l-avukati li kienu f'dan l-istadju qed jassistu l-management tal-kumpanija xolta ġewwa l-Kosta tal-Ivorju, Houda Law Firm, ma qablux ma din it-teżi, peress li kienu tal-fehma li kien il-lex fori concursus li kellu japplika fir-rigward tal-ħatra ta' stralċarju ta' Pefaco International plc, għaldaqstant ċertifikat maħruġ mir-Reġistratur tal-Kumpaniji kien jirrikonoxxi min kellu r-rappreżentanza tal-kumpanija xolta, ikun fejn ikun il-pajjiż fejn jintuża. F' dan is-sens l-esponent ħa ħsieb jottjeni kopja tal-imsemmi ċertifikat, kif ukoll saret l-appostilla mil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, u sussegwentement iċ-ċertifikat intbagħat lill-persuni konċernati fil-Kosta tal-Ivorju. F' dan l-istadju kienet hemm il-ħtieġa li tintalab assistenza ta' avukati mid-ditta CLK Avokats ukoll mill-Kosta tal-Ivorju;*

*Illi minkejja dan, la l-Management Team il-ġdid maħtur mil-esponenti wara l-approvazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti, u lanqas l-esponenti ma sab koperazzjoni minngħand il-managers lokali ġewwa l-Kosta tal-Ivorju u l-pajjiżi l-oħra;*

*Illi l-esponenti tul il-proċess ta' straċ kien jinforma lil dina l-Onorabbli Qorti dwar l-aġir u l-passi tiegħu, u dan hekk kif jidher mir-rikorsi/noti tal-esponenti in atti, u kif ampjament joħroġ ċar mill-verbali f' din il-kawża;*

***L-interventi kontenzjużi tal-esponenti stralċarju fil-ġurisdizzjonijiet esteri***

*Illi jingħad li l-esponenti u l-Management Team il-ġdid kien jiddiskuti spiss, b'mod virtwali minn tal-anqas kull ħmistax, kif ukoll permezz ta' emails, sabiex tinstab mezz kif jiġu rkuprati l-assi tal-kumpanija, jiġifieri s-sussidjarji;*

*Illi wara li kien ċar li l-managers tas-sussidjarji ma kinux se jikkoperaw, anki minħabba l-fatt li dawn qatgħu il-kommunikazzjoni kollha mal-esponenti, waqt dawn il-laqgħat bdiet tiġi diskussa l-ħtieġa li dawn il-managers jitneħħew u jiġu appuntati managers ta' kunfidenza tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti dejjem żamm f' moħħu l-oġġezzjoni li l-azzjonisti maġoritarji kellhom għal ħatra ta' nies ta' fiduċja tal-azzjonisti minoritarji, u sabiex jevita nkwiet bla bzonn u jassigura ruħu dwar l-imparzjalita tal-managers il-ġodda, kien ippropona lilu nnifsu biex jieħu post il-managers tas-sussidjarji;*

*Illi sabiex l-esponenti jassigura ruħu dwar il-proċedura li kellha tintuża għal dan il-għan, l-esponenti bl-għajnuna kemm finanzjarja kif ukoll amministrattiva tal-azzjonisti minoritarji u l-Management Team il-ġdid, kiseb l-assistenza ta' avukati minn Houda Law Firm mil-Kosta tal-Ivorju, biex tiġi adottata l-proċedura ġusta skont il-liġijiet u regoli applikabbli fil-Kosta tal-Ivorju għal bidla fil-managers tas-sussidjarji;*

*Illi kien hemm qbil bejn l-esponenti u l-Management Team biex tiġi mmirata ġurisdizzjoni waħda, dik tal-Kosta tal-Ivorju, jew aħjar Abidjan. Dan sar minħabba n-nuqqas ta' riżorsi, u l-ammont ta' spejjeż involuti. L-Abidjan kellu jkun 'Test Case' biex imbgħad tiġi estiża l-azzjoni għas-sussidjarji f'ġurisdizzjonijiet oħra. Jingħad li hawnhekk, kif altrimenti kien mistenni, l-esponenti flimkien mal-Management Team sab reżistenza kbira;*

*Illi sussegwentement saret talba sabiex it-Tribunal de Commerce d'Abidjan, fil-Kosta tal-Ivorju jawtorizża s-sejħa u ż-żamma ta' General Assembly tas-sussidjarja fil-Kosta tal-Ivorju Lydia Ludic Cote d'Ivoire SARL. Din ġiet approvata fl-4 ta' Diċembru 2020 permezz ta' Ordni No. 4246/2020 tat-Tribunal, li biha nħatar Bailiff - Maître Abougnan Martine, sabiex jiġu eżegwiti n-notifiki lill-azzjonisti kollha ta' Lydia Ludic Cote d'Ivoire SARL;*

*Illi l-imsemmija proċedura ta' notifiki ġiet konkluża fit-28 ta' Mejju 2021, sabiex setgħet issir il-laqgħa li kienet ippjanata għat-18 ta' Ġunju 2021;*

*Illi waqt l-imsemmija laqgħa ġenerali virtwali, bħala azzjonisti kien hemm preżenti biss l-esponenti in rappreżentanza ta' l-kumpanija Pefaco International plc, li weħedha kellha 76% tal-ishma, u għaldaqstant kien ġie ffurmat quorum. Kienet ukoll preżenti l-persuna maħtura mit-Tribunal, Maître Abougnan Martine, u l-avukat Elodie Dagneaux minn Houda Avocats li kienet appuntata bħala Segretarja għal fini tal-laqgħa ġenerali;*

*Illi inter alia waqt il-laqgħa għaddew riżoluzzjonijiet sabiex tneħħa l-General Manager Rene Le Henry u* ***ġie appuntat l-esponenti minfloku****;*

*Illi fis-6 ta' Lulju 2021 l-azzjonisti maġġoritarji permezz tal-avukati tagħhom Ti Bei Hivat u Serge Boua bdew proċeduri quddiem l-hekk imsemmi 'Judge of Summary Proceedings' f'Abidjan għar revoka tal-Ordni tat-Tribunal bin-Nru 4246/2020 msemmija hawn fuq u li permezz tagħha saru n-notifki tal-laqgħa ġenerali tat-18 ta' Ġunju 2021;*

*Illi sfortunatament il-proċedura msemmija hawn fuq irnexxiet, b'dan illi permezz ta' ordni maħruġa fit-28 ta' Lulju 2021 bin-Nru. 2589/2021 tal-hekk*

*imsemmi 'Judge of Summary Proceedings' l-Imħallef ordna r-revoka tal-Ordni tat-Tribunal bin-Nru. 4246/2020;*

*Illi permezz tal-Avukati tal-esponenti f'isem il-kumpanija xolta ġie interpost appell mil-Ordni bin-Nru. 2589/2021, liema appell intilef fit-30 ta' Diċembru 2021;*

*Illi fl-istess żmien l-avukati tal-azzjonisti maġġoritarji Hivat u Serge Boua talbu ulterjorment lill-hekk imsemmi 'Judge of Summary Proceedings' sabiex jiġu revokati ukoll ir-riżoluzzjonijiet li ttieħdu waqt il-laqgħa ġenerali tat-18 ta' Ġunju 2021. F'dawn il-proċeduri ntalbet in-notifika tal-esponenti li ntlaqgħet permezz tal-Ordni bin-Nru 3525/2021. Sussegwentement, fit-22 ta' Novembru 2021 l-hekk imsemmi 'Judge of Summary Proceedings' ippronunzja ruħu inkompetenti peress li kien hemm raġunijiet u litigazzjoni serja li timmerita li tiġi trattata minn u quddiem 'Trial Judge';*

*Illi f'dan iż-żmien kien għaddej process għal-laqgħa generali straordinarja oħra skedata għat- 28 ta' Jannar 2022, liema laqgħa ġiet imwaqqfa permezz ta' Ordni 0266/2022 tal-hekk imsejjaħ 'Judge of Summary Proceedings';*

***<u>Proċeduri li tniehdu fil-konfront ta' l-esponenti Riċevitur Uffiċjali u stralċarju maħtur mill-Qorti u mmexxi taħt l-Awtorita tagħha</u>***

*Illi nhar it-23 ta' Frar 2022 l-esponenti ġie nfurmat permezz ta' kommunikazzjoni b'email li rċieva minngħand id-ditta t' avukati li qed jassistu l-esponenti, CLK Avokats, li kienu inbdew proċeduri fil-Qorti kontra l-esponenti;*

*Illi għalkemm skont l-istess avukati n-notifika ta' dawn il-proċeduri hija invalida peress li din kellha ssir lill-esponenti personalment, xorta waħda din tqanqal tħassib, anki minħabba l-fatt li fin-naħa t' isfel tad-dokument li qed jiġi anness b'mod kunfidenzjali u animo ritirandi (mmarkat bħala Dok 'a'), jidhru kliem li jistgħu jindikaw li tali notifika ingħatat;*

*Illi t-teżi tal-esponenti, kif ukoll tal-avukati CLK Avokats, hi li dawn il-proċeduri huma ntiżi biex ibeżżgħu lill-esponenti fil-qadi ta' dmirijietu bħala stralċarju appuntat bil-Qorti u l-mertu jirreferi ghal dak li ghamel l-esponenti fil-qadi ta' dmirijietu, kif esposti izjed 'l fuq f'dan ir-rikors;*

*Illi tali proċeduri huma inaċċettabli ġia la darba l-esponenti dejjem aġixxa in buona fede, fil-qadi ta' dmirijietum u fil-karigam skond il-Ligi u skond is-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti;*

*Illi l-leġiżlatur Malti fl-għaqal tiegħu irrikonoxxa u antiċipa li r-Riċevitur Uffiċjali fil qadi ta' dmirijietu jista jkun soġġett għal azzjonijiet ntiżi sabiex jintimidawħ fil-qadi ta' dmirijietu u kien propju għalhekk li ħaseb għal protezzjoni tal-esponenti billi munieħ b' immunita għal dak li għandu x' jaqsam ma proċeduri kontriħ, u dan bis-saħħa kemm tas-Subartikolu (3) tal- Artikolu 225 tal-Kap. 386, kif ukoll permezz tal-Artikolu 13 tal-Liġi Sussidjarja 595.27,* ***biss***

***sfortunatament dawn il-liġiet ma japplikawx f'pajjiżi sovrani terzi, u għaldaqstant l-esponenti ma jgawdix l-istess protezzjoni u immunita fir-rigward ta' proċeduri istitwiti fil-Kosta tal-Ivorju****;*

*Illi dawn il-proċeduri huma ultragg u insult kemm għall-uffiċċju u l-kariga tal-esponenti naxxenti mil-Liġi, u fl-umli opinjoni tal-esponenti anke għal dina l-Onorabbli Qorti stante li l-istralċ huwa mmexxi taħt l-awtorita tagħha,* ***u l-esponent stralċarju waqt il-qadi ta' dmirijietu*** *skont il-provvediment tagħha tat-28 ta' Marzu 2019, u l-ordnijiet direzzjoni u digrieti li ngħataw tul il-proċess ta' stralċ,* ***m'hu xejn ħlief il-lunga manus ta' dina l-Onorabbli Qorti****;*

*Illi huwa ċar li l-persuni msemmija fil-bidu ta' dan ir-rikors flimkien ma terzi qegħdin jagħmlu minn kollox biex jistultifikaw l-effett legali ta' dawn il-proċeduri ta' stralċ, b'rezistenza u disprezz car lejn l-Awtorita` ta' dina l-Onorabbli Qorti, u issa jidher li waslu għal intimidazzjoni u theddida ċara lill-esponenti, Riċevitur Uffiċjali maħtur bil-Liġi, stralċarju u lunga manus tal-Qorti, u Avukat, talli qiegħed jaqdi dmirijietu skond il-Liġi u skond l-ordni legittimi ta' dina l-Onorabbli Qorti;*

*Illi l-esponenti jirriserva li jesprimi ruhu ulterjorment meta u kif dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq dwar passi ulterjuri fl-ambitu tal-istralċ;*

*Illi dan l-iżvilupp iħalli lill-esponenti espost, u f'sitwazzjoni minn tal-anqas skomda ferm;*

***<u>L-Aġir allegatament Kriminali ta' min irid jieħu vantaġġ personali akkost ta' kollox</u>***

*Illi jirriżulta bħala stat ta' fatt li fil proċess ta' stralċ tal-kumpanija xolta in ottemperanza ma' sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti, l-assi konsistenti f'sussidjarijí tal-kumpanija xolta, għadhom joperaw f' pajjiżi esteri fil-qasam tal-gaming mingħajr restrizzjoni u xkiel u l-esponenti starlċarju m'għandu l-ebda viżibilta, pussess jew kontroll dwar id-dħul u l-ħruġ, u l-profitti ġenerati minn dawn is-sussidjarji;*

*Illi l-esponenti kull meta rċieva xi informazzjoni dwar is-sussidjarji din qatt ma kienet kompluta u ma setgħetx twassal għal-kwadru dwar il-ġestjoni tal-sussidjarji. Meta mbgħad l-esponenti talab għal aktar dettalji u kjarifiċi dwar l-informazzjoni mogħtija inqata kull kuntatt mid-diriġenti tas-sussidjarji. Illi jekk ma tiswa għal-xejn tali informazzjoni pero tikkonerma li hemm attivita għaddejja li dwarha l-esponenti m'għandu l-ebda kontroll;*

*Illi l-allegazzjonijiet tal-atturi u tal-azzjonisti minoritarji tul il-proċeduri u li dwarhom dina l-Onorabbli Qorti esprimiet ruħha, u wriet it-tħassib tagħha, kemm pernezz tas-sentenza tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu 2019, kif ukoll permezz tal-verbali tagħha fosthom dak tas-seduta ta' nhar it-tnax (12) ta' Novembru elfejn u dsatax (2019), dwar id-dissipar tal-assi tal-kumpanija*

*xolta tramite s-sussidjarji tagħha, huma ben fondati u jistgħu, anzi għandhom jirriżultaw f' konsegwenzi serji ħafna għall-persuni responsabbli;*

*Illi kif joħroġ ċar mis-suespost, kull tentattiv tal-esponenti biex jassumi l-kontroll tal-assi tal-kumpanija xolta ġie ostakolat b' kull meżż possibli, inter alia kif jidher mid-dokument hawn anness animo ritarandi bħala Dok 'a';*

*Illi għalhekk jirrizulta li hemm assi tal-kumpanija li qed jigu ġestiti lill-henn mil' proċedura tal-istralċ, u l-azzjonisti maġoritarji jafu bil-ġestjoni, anzi addirittura kollox jindika li huma l-protagonisti jew ko-parteċipi ta' din il-ġestjoni, liema ġestjoni qiegħda aktarx twassal għal dissipazzjoni tal-assi tas-soċjeta' xolta, u dan kontra l-Liġijiet ta' Malta, u kontra kull prinċipju fi stralċ ta' soċjeta' f' kull ġuridizzjoni madwar id-dinja, inkluż fil-Kosta tal-Ivorju;*

*Illi għandu jirriżulta li dan l-istat ta' fatt jista jagħti lok għal-reati kriminali, oltre ħasil ta' flus;*

*Illi dan qiegħed jingħad ukoll u qed jiġi ddikjarat fl-atti ta' l-istralċ espliċitament sabiex l-esponenti, li* ***suppost*** *għandu l-kontroll ta' dawn l-assi (li pero' de facto m'għandux kontroll tagħhom),* ***jeżimi ruħu minn kull responsabbilta ċivili u penali*** *għal tali ġestjoni, operazzjoni kummerċjali, dissipazzjoni ta' assi, u attivita possibilment kriminali inkluż il-ħasil ta' flus, filwaqt li umilment jissottometti t-talba tiegħu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tordna li dan l-aġir jiġi mistħarreġ u nvestigat b'mod immedjat mill-Kummissarju tal-Pulizija.*

*Illi oltre dan jirriżżulta bħala stat ta' fatt mit-tieni paragrafu tad-dokument anness animo ritirandi bħala Dok 'a', li Olivier Cauro (persuna ta' ċittadinanza Spanjola) għadu qed jippreżenta ruħu ma terzi, inkluż l-għola Awtoritiajiet fil-Kosta tal-Ivorju, bħala rappreżentant u de facto diriġenti tal-kumpanija xolta min dina l-Onorabbli Qorti - Pefaco International Plc (C 65718), qisu qatt ma sar ix-xoljiment tal-Kumpanija msemmija. Dan huwa disprezz ċar u manifest tal-Awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti, u jmur kontra l-Liġi ta' Malta, u jimmerita l-indulġenza ta' dina l-Onorabbli Qorti;*

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' April 2022;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma appozita nhar l-Erbgha 27 ta' April 2022, liema seduta inzammet fil-maghluq;

Semghet dak li kellhom xi jghidu l-Avukati kollha presenti ghall-udjenza tas-27 ta' April 2022.

Rat illi dan ir-rikors thalla ghal digriet in camera, kif qed isir llum.

- **SFOND**

Qabel xejn u ghal beneficcju ta' kull min ser ikun notifikat b'dan id-digriet, qed jinghata sfond tal-vertenza fil-kawza odjerna 571/2017ISB - succinct tal-fatti kif dikjarata fis-sentenza ta' din l-istess Qorti tat-**28 ta' Marzu 2019** kif diversament preseduta**,** liema succinet jibqa' rilevanti:

*II. Fatti*

*Pefaco International plc ("Pefaco") kienet kostitwita minn Francis Perez ("Perez") u Olivier Cauro ("Cauro") fl-1995 biex issir route gaming operation principalment fl-Afrika u fl-Amerika Latina. Pefaco nghatat il-qafas ta` holding company b`negozji u/jew sussidjarji fl-Afrika. Grupo Pefaco S.L ("GPSL") hija l-azzjonista maggoritarja ta` Pefaco u hija registrata Spanja. L-azzjonisti ta` GPSL huwa Perez u Cauro.*

*Pefaco kienet registrata fir-Registru tal-Kumpanniji ta` Malta bin-nru C657181 fit-23 ta' Gunju 2014. Hija wkoll listed company ghax l-ishma taghha huma kwotati fil-Borza ta' Malta. Perez huwa l-Kap Ezekuttiv ta` Pefaco u huwa responsabbli mill-istrategija. Jiehu hsieb il-licenzji (inkluz il-ksib ta` licenzji godda) u jissorvelja l-operat ta` Pefaco. Cauro huwa d-Direttur Manigerjali u jiehu hsieb l-aspetti finanzjarji tal-operat. Pefaco ghandha authorised share capital ta` €48,480,031.00. Ghandha issued share capital ta` €35,525,082. Hemm ordinary "A" shares b'valur nominali ta' €1.50 ghal kull sehem. Hemm ukoll ordinary "B" shares b'valur nominali ta' €1.00 ghal kull sehem.*

*Fl-2015, Genesis PFC ("Genesis"), socjeta` registrata l-Mauritius, ittrattat ma` GPSL sabiex issir azzjonista ta` minoranza ta` Pefaco billi thallas €15 –il miljun. Wara li sar l-ezercizzju ta` due diligence ta` Pefaco u tas-sussidjarji taghha ghas-sodisfazzjon ta` Genesis kien konkluz in-negozju billi tramite Calamatta Cuschieri Investment Services Limited ("Calamatta Cuschieri") kien sottoskritt kapital azzjonarju konsistenti minn 6,705,115 ordinary "A" shares ghall-valur nominali ta' €1.50 kull sehem. Calamatta Cuschieri dehret bhala nominee ghal konsorzju formati minn numru ta` socjetajiet mill-Afrika ta` Isfel fosthom Genesis ("Genesis Consortium").*

*Il-konsorzju kien compost mis-segwenti :-*

*i. Genesis PFC;*
*ii. AMB Capital Ireland Limited;*
*iii. Jamrae Capital Corp;*
*iv. Refucan Limited;*
*v. Warren Friedland;*
*vi. Mondo Investments and Finance Ltd.;*
*vii. Evan Gregory Hoff;*
*viii. Andrew James Reader;*
*ix. Shane Thompson; u*
*x. Bellerive Capital (BCP) 13 Limited.*

*Wara li dahal il-Genesis Consortium fil-pakkett azzjonarju ta` Pefaco, l-ishma saru in kwantu ghal 67% ta` GPSL u in kwantu ghal 33% ta` Genesis Consortium.*

*Jidher illi Calamatta Cuschieri ssottoskriviet ishma wkoll fl-isem ta` s-socjeta` ohra bl-isem Azco izda din mhijiex rikorrenti fil-kawza odjerna.*

*Il-fondi li bihom kienu akkwistati l-ishma minn Genesis Consortium marru direttament f`Pefaco sabiex din tkattar in-negozju taghha b`investiment gdid.*

*Id-diretturi ta' Pefaco huma hdax (11) : sitta (6) huma diretturi ezekuttivi u hamsa (5) huma diretturi mhux ezekuttivi. Dawn tal-ahhar huma : Benjamin Muscat, Michael Grech, David Shimkins, Gregory Kinross u Robert Hursof. David Shimkins ("Shimkins") u Gregory Kinross ("Kinross") huma 'B Directors' li nhatru minn Genesis. Ghandhom drittijiet specjali, fosthom dritt ta` veto dwar transazzjonijiet straordinarji tas-socjeta`.*

*Wara li Genesis akkwistat l-ishma, twaqqaf audit committee li huwa mmexxi minn Benjamin Muscat.*

*Ir-rikorrenti bhala azzjonisti minoritarji m'ghandhomx is-setgha illi jappuntaw il-maggoranza tad-diretturi ta' Pefaco.*

*Il-klawsola numru 134 fit-taqsima ntitolata Proceedings of Directors tal-Memorandum and Articles of Association ("M&A") ta` Pefaco, kif emendat, u registrat mar-Registratur tal-Kumpanniji fid-9 ta' Novembru 20152 , tghid :-*

> *"Board meetings shall be held at least four (4) times a year. The Directors shall otherwise meet together for the dispatch of business, adjourn and otherwise regulate their meetings, 2 Ara Dok. PFC2 a fol. 24 et seq. tal-process. 24 as they deem fit. Questions arising at any meeting shall be decided by a majority of votes."*

*Ghall-fini ta` protezzjoni addizzjonali ghad-drittijiet tal-azzjonisti minoritarji, il-klawsola numru 140 tipprovdi illi :-*

> *"Notwithstanding anything to the contrary contained in these Articles or the Memorandum of Association of the Company :*
>
> *(a) any decision or action relating to those matters that are listed in Schedule 1 to these Articles (the "Bord Reserved Matters") may be taken by the Bord only with prior consent of the Class B Director(s) shall be required only for as long as the holder of the Ordinary B Share also holds at least four percent (4%) of the issued ordinary share capital (of whatever class) of the Company ; and*
>
> *(b) any action relating to those matters that are listed in Schedule 2 to these Articles (the "Shareholder Reserved Matters") may be taken by the Company in general meeting only with prior consent of the holder of the Ordinary B Share and the powers and authority of the Members*

*in respect of the Shareholder Reserved Matters shall be limited accordingly; provided that the consent of the holder of the Ordinary B Share shall be required only for so long as the holder of the Ordinary B Share also holds at least four percent (4%) of the issued ordinary share capital (of whatever class) of the Company.*

- **DECIZJONI ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2019**

**Illi bid-decizjoni ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2019, il-Qorti wara li *fliet* l-ilmenti kollha mressqa u l-provi prodotti, ikkonkludiet:**

1. Dwar l-ilment ta' **<u>nuqqas ta' informazzjoni lid-Diretturi</u>** ta' Pefaco International Plc illi kien hemm ammissjoni u, "*jirrizulta b`mod car u inekwivoku mill-provi illi meta z-zejt beda tiela` f`wicc l-ilma, Cauro u Perez waqqfu kull informazzjoni milli tohrog*". Il-Qorti rriferiet ghall-fatt illi *"diga` kellha l-opportunita` tesprimi t-thassib taghha dwar it-tmexxija ta` Cauro u Perez u tirriafferma l-osservazzjonijiet illi ghamlet fil-provvedimenti interim".*

U allura sabet illi dan l-ilment kellu mis-sewwa.

2. Dwar l-ilment ta' **<u>nuqqas ta' informazzjoni lill-awdituri</u>**, il-Qorti qalet illi "*minkejja kull skuza li gabu Perez u Cauro biex ma jghaddux informazzjoni, il-Qorti tosserva li sal-2015 ma jidhrix li kien hemm problema tax-xorta li fissru propju ghaliex sa dik is-sena l-financial statements tlestew fil-hin. Lanqas ma jidher li pprezentaw ruhhom id-diffikultajiet li ssemmew minn Perez u Cauro meta sar id-due diligence li ppreceda l-investiment tal-Genesis Consortium. Huwa bil-wisq ovvju illi d-diffikultajiet kollha nqalghu wara li sar l-investiment, u wara li Pefaco, fuq struzzjonijiet ta` Perez u Cauro, ghaddiet il-flus investiti minn Genesis Consortium lil GPSL li nsertat li tappartjeni lill-istess Cauro u Perez."*

U allura sabet illi dan l-ilment kellu mis-sewwa.

3. Dwar l-ilment ta' **<u>nuqqas ta' hlas lill-kredituri</u>**, il-Qorti qalet "*Minkejja illi Cauro u Perez xehdu li kien hemm flus bizzejjed mnejn ikun generat il-gid ta` Pefaco, u mnejn jithallsu dak kollu dovut lill-impjegati tas-sussidjarji, jibqa` l-fatt li rrizulta li kien hemm ghadd ta` kredituri li baqghu ma thallsux".*

U allura sabet illi dan l-ilment kellu mis-sewwa.

4. Dwar l-ilment ta' **nuqqas ta' laqghat tal-Bord tad-Diretturi**, il-Qorti qalet, "*jidher ghalhekk illi ghalkemm effettivament saru numru mhux zghir ta` laqghat, ftit li xejn hargu decizjonijiet li jolqtu l-operat ta` Pefaco".*

U allura sabet illi dan l-ilment kellu mis-sewwa.

5. Dwar l-ilment ta' **nuqqas ta' osservanza tal-Memorandum & Articles of Association tal-Kumpannija**, il-Qorti qalet *"din il-Qorti tithasseb u tinkwieta mill-qiegh tal-fehmiet taghha dwar il-fatt (ammess minn Cauro) illi l-bord tad-diretturi nghata informazzjoni hazina dwar il-bilanci fil-kont tal-bank ta` Pefaco".*

U allura sabet illi dan l-ilment kellu mis-sewwa.

Tikkonkludi ghalhekk illi *"fil-kaz tal-lum, abbazi tal-assjem tal-provi, il-Qorti ssib li da parti tal-intimata, tramite d-diretturi ezekuttivi taghha, kien hemm ksur tal-Art. 402(1) tal-Kap 386 ghad-dannu tar-rikorrenti"* u tat numru ta' rimedji, fosthom, <u>li jinteressana ghal finijiet ta' din id-Digriet</u>, illi ***tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-intimata Pefaco International plc (C65718) bis-setghat u d-dmirijiet previsti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta. F`dak il-kaz, l-ewwel udjenza tal-eventwali stralc issir nhar it-Tlieta 15 ta` Ottubru 2019 fid-9.00 a.m. L-ispejjez kollha tal-eventwali istralc, inkluz il-hlas tad-drittijiet u tal-ispejjez tal-istralcjarju, jithallsu mill-intimata Pefaco International plc (C65718)***.

- **Il-KWISTJONI LLUM**

Salv certi dettalji illi ma humiex rilevanti ghal dan id-digriet, <u>issa qeghdin fi stadju fejn l-istralcarju ta' Pefaco International Plc, l-ufficcju Malti fi hdan il-Malta Business Registry, dak tar-Ricevitur Ufficjali, qieghed jaqdi l-inkarigu tieghu skond kif ordnat mill-Qorti</u>. U ghax ghamel jew ittenta jaghmel hekk u jobdi l-ordnijiet u l-istruzzjonijiet kollha lilu moghtija minn din il-Qorti u jaderixxi ruhu ma' dak li trid il-ligi Maltija, huwa spicca qed jaffaccja akkuzi serjissimi kemm civili u kif ukoll kriminali, bil-konsegwenza illi jista' jigi ordnat ihallas eluf kbar ta' Euro f'danni u jiskonta anke sentenza skond il-Kodici Kriminali tal-pajjiz fejn qed jittiehdu l-proceduri, ossia, fil-Kosta tal-Ivorju.

Din hi l-kwistjoni illi ghandha quddiema l-Qorti llum u s-suggett u l-mertu ta' dan id-digriet.

<u>**Il-Qorti tqis importanti illi jinghad mill-ewwel ghalhekk, illi allura Dr Kevan Azzopardi, mhux biss qed jaqdi rwol ta' ufficcjal pubbliku, imma ukoll ufficjali tal-Qorti, u ghal dan il-ghan, kull ma jaghmel, jaghmlu bil-kunsens u l-awtorizazzjoni tal-Qorti skond il-ligi, li jzommha regolarment informata b'dak li jkun qed jigri u jiehu l-awtorizazzjonijiet necessarji fejn dawn ikunu necessarji u/jew mitluba.**</u>

**Ta' dan u ghal dan, il-Qorti mhux biss trid pubblikament tirringrazzja lil Dr Kevan Azzopardi tax-xoghol siewi illi qed jaghmel – imma qed taghmilha cara mill-bidu illi hija ghandha fiducja shiha fil-mod kif qed jaqdi l-inkarigu tieghu u di piu` ser tara illi taghti kull protezzjoni necessarja lill-istess Dr Azzopardi fil-vesti tieghu ta' stralcarju ta' Pefaco International Limited, liema vesti hija moghtija lilu bl-awtorita' tal-Qorti u liema vesti, il-Qorti jidhrilha illi qed jaqdi sewwa u skond il-ligi. Altrimenti, il-Qorti kienet tiehu provvedimenti mod iehor.**

**Ukoll, il-Qorti tqis pre-okkupunti ferm dikjarazzjoni tar-ricevitur ufficjali meta accenna ghall-proceduri mehuda kontra tieghu fil-Kosta tal-Ivorju bhala li ttiehdu sabiex "*iqajjmu fih biza' u ma jaqdix d-doveri tieghu bhala Ufficjal tal-Qorti u Ricevitur Ufficjali skond il-ligi*" – u dan peress illi ebda ufficjal pubbliku u ebda ufficjal ta' din il-Qorti ma ghandu jhossu hekk mhedded jew mbezza' meta jkun qieghed jaqdi dmiru.**

**Huwa ghalhekk illi l-Qorti qed tiehu dan il-kaz b'serjeta' kbira. Irid jinghad illi l-amministrazzjoni tajba ta' din il-Qorti tistrieh ukoll fuq is-serenita' u x-xoghol tajjeb u siewi illi jaghmel l-ufficcju tar-ricevitur ufficjali fl-inkarigu li huwa jkun fdat bih. Jekk dan l-ufficcju isib intopp serjissimu bhal dan, allura din il-Qorti tazzarda tghid illi jkollha anke hi intopp biex tkompli tisma' u tamministra kawzi ghal stralc u xoljiment ta' kumpanniji, lokali imma aktar u aktar *cross-border*, bil-konsegwenza illi dak ix-xoghol kollu illi l-Qorti u l-amministrazzjoni tal-Gustizzja qed taghmel biex din il-Qorti tkun kemm jista' jkun efficcjenti bhala vetrina tajba ghan-negozju f'pajjizna – jisfaxxa.**

- **INFORMAZZJONI LI KIENET DIEHLA GHAND DIN IL-QORTI**

Illi fil-fatt jirrizulta illi r-ricevitur ufficjali gharraf lill-Qorti, per ezempju, fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2019 – allura appena sitt xhur wara li beda l-inkarigu tieghu, illi "*bhala stralcjarju pprezenta nota b'kopja ta' minuti ta' laqghat li kellu mal-persuni li kienu diretturi tal-kumpannija xjolta. Accerta lill-Qorti illi qed jaghmel kull ma jista' sabiex jassikura illi fondi illi qeghdin ihallu l-kumpanniji sussidjarji ma jigux dissipati ……".*

Ukoll, fl-udjenza tal-21 ta' Lulju 2020, gie verbalizzat hekk "*l-istralcjarju nforma lill-Qorti bid-diffikultajiet sostanzjali li qed jiltaqa' maghhom sabiex is-sussidjarji li Pefaco International kellha fl-Afrika jigu taht kontroll effettiv tieghu jew tal-persuni li specifikament ikunu nkarigati minnu ghal dan l-iskop, u jiddikjara illi ser jipprezenta rikors fejn fil-premessi tieghu jispecifika dawn id-diffikultajiet u intoppi li qieghed jiltaqa' maghhom, u jitlob direzzjoni mill-Qorti fir-rigward".*

U jerga', fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2020, meta l-istralcjarju jivverbalizza illi kienu "*gew inkarigati avukati fl-Ivory Coast sabiex tkun tentata azzjoni gudizzjarja sabiex il-kontroll tas-sussidjarja tal-kumpannija xjolta jittiehed minn min qieghed effettivament imexxi minghajr il-kunsens tieghu u sabiex ir-rikavat ta' dik l-operazzjoni jigi taht il-kontroll tal-istralcjarju".*

U jerga', jispjega lill-Qorti fl-udjenza tat-3 ta' Gunju 2021 u ighid *"…l-ufficcju tieghi fl-ebda punt ma waqqaf il-proceduri biex isir ftehim out of court settlement. In parallel jiena rajt kif ghamilt biex nikseb il-kontroll tal-attivitajiet gewwa l-Afrika, gewwa South*

*Afrika predominantly, Ivory Coast, Niger u hemm xi sitt pajjizi ohra. ….. hemm abbozz ta' management agreement li kien approvat minn din il-Qorti sabiex jiena niehu kontroll ta' dawk l-azjendi gewwa s-South Afrika …… sfortunatament l-ebda wiehed mill-managers ta' dawn id-ditti gewwa South Afrika ma kkoopera…… kien hemm qisu struzzjonijiet biex ma jirrikonoxxux l-awtorita' tieghi……. Allura qabbadna ditta li huma ukoll managers, qabbadna l-Avukat Houda, li qeghdin jghajjtu laqghat gewwa South Afrika biex inbiddlu l-Management tal-kumpanniji. Dan il-process ilu ghaddej kwazi mill-bidu tal-appuntament tieghi il-ghaliex huma kkumplikati u l-affarijiet mhux bhal Malta…… Dan wisq probabbli ha jkun jinvolvi kawzi li jiena jkolli niftah wisq probabbli anke barra minn Malta kontra Gruppo Pefaco u l-azzjonisti tieghu minhabba l-misapproprjazzjoni tal-ammont li semmejt ta' tnax il-miljun jekk ma jigux lura*".

Il-Qorti trid ghalhekk tirrimarka mhux biss ix-xoghol skabruz, difficli u kumplikat illi Dr Azzopardi u l-ufficcju tieghu qed iwettqu, imma ukoll tapprezza illi, kif jixraq, zamm lill-Qorti nfurmata b'dak kollu li kien ghaddej, u aktar minn hekk, meta kien necessarju, fittex l-approvazzjoni taghha.

- **ZVILUPPI**

Fl-isfond ta' dan kollu, fl-4 ta' Dicembru 2020 il-Qorti approvat General Assembly tas-sussidjarji fil-Kosta tal-Ivorju, u fil-laqgha li saret fit-18 ta' Gunju 2021, ghaddiet rizoluzzjoni biex tnehha id-direttur manigerjali Rene Le Henry u Dr Azzopardi gie appuntat floku.

Inbdew immedjatament proceduri ghar-revoka ta' dik ir-rizoluzzjoni, naturalment f'Qorti estera, u kellhom success u llum dik id-decizjoni tinsab appellata. Fil-frattemp, fit-23 ta' Frar 2022, Dr Kevan Azzopardi, l-ufficjal pubbliku Malti, l-ufficjal tal-Qorti Maltija, gie affaccjat b'akkuzi kriminali u *claim* personali ghad-danni fl-ammont ta' l-fuq minn tlett kwarti ta' miljun Euro (€750,000), li Dr Azzopardi irid jirrispondi ghalihom personalment.

- **Konsiderazzjonijiet:**

Il-Qorti ser taghmel numru ta' konsiderazzjoinijiet, fl-isfond tal-fatti hawn fuq esposti, illi ser iwassluha ghad-decizjoni li ser tittiehed.

1. **Il-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta - Kapitolu II tas-Sub-Titolu I tat-Titolu II**

Issir referenza ghall-**artikolu 225 tal-KAP 386** tal-Ligijiet ta' Malta.

> ***225.(1)*** *Il-Ministru għandu jaħtar lil xi uffiċjal anzjan tal-Aġenzija biex ikun ir-riċevitur uffiċjali għall-finijiet ta' dan l-Att u jista' f'kull żmien itemm dik il-kariga jew desinjazzjoni.*

Ifisser ghalhekk illi r-ricevitur ufficjali huwa mahtur direttament mill-Ministru responsabbli għar-reġistrazzjoni ta' soċjetajiet kummerċjali. Il-Qorti tqis ghalhekk

mhux biss l-importanza illi dan id-digriet ikun notifikat lilu, imma ukoll illi r-ricevitur ufficjali huwa **ufficjali pubbliku mahtur mill-Istat Malti**.

Mhux biss, imma meta l-Qorti Civili (Sezzjoni Kummerc) f'Malta tordna x-xoljiment u l-konsegwenti stralc ta' kumpannija registrata Malta, u tahtar lir-ricevitur ufficjali sabiex jezecita l-poteri u l-inkarigu tieghu skond il-ligi u taht l-awtorita' tal-Qorti kif trid il-ligi, bil-ghan illi kumpannija tigi dikjarata stralcjata – allura r-ricevitur uifficjali jsir ukoll **ufficjal tal-Qorti**, ufficjali ghalhekk ta' wahda mill-pilastri tal-istat demokratiku Malti. Dan ma ghandux jghaddi inosservat.

Kif m'ghandux jghaddi inosservat il-fatt illi din il-Qorti tista' tikkonferma illi r-ricevitur ufficjali attwali jaqdi d-doveri tieghu b'rettezza u minkejja illi kien hemm u jibqa' jkun hemm okkazjonijiet fejn ma jkunx hemm qbil bejn il-Qorti u r-ricevitur ufficjali, b'dana kollu QATT ma rrizulta lill-Qorti odjerna illi r-ricevitur ufficjali qatt agixxa b'mala fede, b'qerq jew b'mod iehor illi mhux idoneju ghall-kariga ta' fiducja illi jokkupa.

> *(3) Minkejja kull ħaġa kuntrarja li tinsab f'dan l-Att jew f'kull liġi oħra, ir-riċevitur uffiċjali u kull individwu ieħor awtorizzat skont is-subartikolu (2), għandhom ikunu eżenti minn kull responsabbiltà personali li tkun, inkluża kull responsabbiltà bħala danni għal xi ħaġa li tkun saret jew naqset milli ssir fit-twettiq jew f'dak it-twettiq li suppost isir ta' xi funzjoni taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra, jew inkella fl-eżerċizzju ta' dawk id-dmirijiet uffiċjali, sakemm l-att jew l-ommissjoni ma jidhrux li jkunu saru jew naqsu milli jsiru, skont il-każ, in mala fede.*

Il-Qorti tifhem ghalhekk illi l-legislatur Malti gja fehem illi fil-qadi ta' dmirijietu, dejjem ezercitati in *bona fede*, ir-ricevitur ufficjali huwa protett u ezenti minn kull responsabbilita' personali, inkluza dik ghad-danni. **Il-Qorti tqis dan il-provvediment u l-hsieb tal-legislatur bhala ta' importanza kbira.**

Izda lkoll konxji tal-mod kif zviluppa l-kummerc mis-sena 2006 (meta saret din il-ligi) l'hawn. Lkoll nafu illi n-negozju f'pajjizna ha dimensjoni ohra, id-dinja ckienet dejjem aktar u n-negozju Malti anke thallat ma' dak barrani, bil-konsegwenza illi sar hafna negozju hekk msejjah <u>**cross-border**</u>, u allura bil-konsegwenza naturali illi jsegwu proceduri anke ta' xoljiment u stralc cross-border. Anke hawn, ir-ricevitur ufficjali jassumi rwol important meta jkun mehtieg u fil-fatt din il-Qorti ssegwi anke direttivi u regolamenti Ewropej f'dan il-kuntest.

Huwa ghalhekk ovvju u mill-ewwel wiehed jintebah illi l-protezzjoni offruta mill-legislatur lir-ricevitur ufficjali bl-artiklu tal-ligi appena hawn fuq citat <u>ma jabbastax</u>. **Din il-Qorti thoss illi din il-protezzjoni ghandha tkopri lill-ufficcju tar-ricevitur ufficjali ukoll ghal proceduri legali illi jista' jaffaccja f'gurisdizzjonijiet ohra u mhux biss dawk Maltin, partikolarment meta jkun hemm process ta' likwidazzjoni ta' kumpannija cross-border b'interessi mhux Maltin**.

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-ligi taghna jinhtieg illi tigi riveduta f'dan is-sens minghajr dewmien u fl-ahjar interess mhux biss tal-ufficjali pubblici msemmija, imma ukoll fl-ahjar interess tal-ahjar amministrazzjoni taghha.

> ***226(1)*** *Meta l-qorti tkun għamlet ordni għal stralċ jew ħatret amministratur provviżorju, għandha ssir u tingħata lill-uffiċjal riċevitur dikjarazzjoni fuq il-qagħda tal-kumpanija fil-forma preskritta, jew f'dik il-forma l-oħra li tkun aċċettata mir-riċevitur uffiċjali, verifikata bil-ġurament, u li turi l-partikolaritajiet tal-kumpanija dwar l-attiv, id-dejn u l-passiv tagħha, l-ismijiet, ir-residenza u l-okkupazzjonijiet tal-kredituri tagħha, is-sigurtajiet miżmuma minnhom rispettivament, id-dati meta s-sigurtajiet kienu rispettivament mogħtija, u dak it-tagħrif l-ieħor li jista' jkun preskritt jew meħtieġ mir-riċevitur uffiċjali.*
> *(2) Id-dikjarazzjoni għandha tkun mogħtija u verifikata minn persuna waħda jew iktar li fid-data rilevanti jkunu diretturi tal-kumpanija u minn dawk il-persuni l-oħra hawnhekk iżjed il-quddiem f'dan is-sub-artikolu msemmija, li r-riċevitur uffiċjali jista ……*

Fl-isfond tal-fatti hawn fuq dikjarati jirrizulta ghalhekk illi mhux talli certi ufficjali tal-kumpannija Pefaco International Limited, senjatament **Oliver Cauro** u **Rene Le Henry** ma kkooperawx mar-ricevitur ufficjali <u>kif kienu obbligati jaghmlu bil-ligi</u> taghna, talli anzi rreaggixxew billi ghamlu theddida mill-aktar serja lir-ricevitur ufficjali billi hadu passi kontrih gewwa l-Kosta tal-Ivorju, fejn hemm sistemi u proceduri penali anke differenti ghal dawk Maltin u fejn hemm diffikultajiet ovvji, logistici u ohrajn, sabiex ir-ricevitur ufficjali jiddefendi ruhu.

Sewwa ssottometta l-Avukat tal-Istat waqt l-udjenza mizmuma, din hija forma ta' *SLAPP procedure*, mhux fil-konfront ta' gurnalist li jkun ghamel xogholu, imma fil-konfront ta' ufficjal pubbliku u ufficjal tal-Qorti illi jkun qed jaghmel xogholu u jaqdi l-inkarigu tieghu fl-ahjar interess pubbliku u l-amministrazzjoni tal-gustizzja.

## 2. <u>It-theddida illi qed jaffaccja ir-ricevitur ufficjali hija wahda reali</u>

Mhux biss hija reali it-theddida illi qed jaffaccja r-ricevitur ufficjali, imma l-Qorti tqis illi hija ukoll reali t-**theddida ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja f'Malta**. **<u>U dan mhux ser ikun tollerat</u>** u sakemm lil din il-Qorti jidhrilha u jirrizultalha illi l-ufficcju tar-ricevitur ufficjali qed jezercita l-poteri tieghu skond il-ligi u fejn ikun il-kaz, bl-approvazzjoni necessarja tal-Qorti – allura din il-Qorti ser tkun wara l-ufficjal taghha tipprotegih u tissolecita l-protezzjoni tieghu fejn u kif mehtieg.

Il-Qorti tqis illi t-theddida hija ukoll reali **ghall-amministrazzjoni pubblika Maltija**. Dak illi qed jaffaccja Dr Kevan Azzopardi bil-proceduri fil-Kosta tal-Ivorju, jista' addirittura jwassal biex jinhareg fil-konfront tieghu International Arrest Warrant. Naslux jew le sa hemmek – kulhadd irid jifhem illi **din it-theddida wahedha u l-biza' li qed tnissel fir-ricevitur ufficjali thezzez is-sisien tal-ufficju tar-ricevitur ufficjali, kemm l-ufficcju kif stabbilit bil-ligi u kif ukoll tal-persuna li jkun jokkupa tali kariga kif nominat mill-Ministru responsabbli**.

Minn, sakemm ma jkollox il-protezzjoni kollha mehtiega, ser jazzarda jassumi dan r-rwol ta' dan l-ufficcju stabbilit bil-ligi? Lil min ser isib il-Ministru biex jahtar, meta kwalsiasi persuna maghzula tkun skoperta minn protezzjoni adegwata ghal incidenzi bhal dawn?

## 3. L-Artiklu 312 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

> *312. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw jekk waqt l-istralċ ta' kumpanija sew jekk bil-qorti jew voluntarjament ikun jidher li persuna li –*
> *(a) tkun jew kienet uffiċjal tal-kumpanija;*
> *(b) kienet taġixxi bħala stralċjarju tal-kumpanija; jew*
> *(ċ) ma tkunx persuna li taqa' taħt il-paragrafi (a) u (b), ikollha jew kellha x'taqsam ma', jew ħadet sehem fil-promozzjoni, formazzjoni jew direzzjoni tal-kumpanija,*
> *tkun użat ħażin jew żammet jew saret responsabbli għal, xi flus jewproprjetà oħra tal-kumpanija jew kienet ħatja ta' xi eżerċizzju ħażin tal-awtorità tagħha jew ta' ksur ta' dmir dwar il-kumpanija.*
>
> *(2) Il-qorti tista', fuq rikors tar-riċevitur uffiċjali jew tal-istralċjarju, jew ta' xi kreditur jew kontributorju, teżamina l-imġieba ta' xi persuna li taqa' taħt is-subartikolu (1) u ġġiegħel –*
> *(a) tħallas lura, tagħti lura jew tagħti kont tal-flus jew proprjetà jew xi parti minnha, b'imgħax b'dik ir-rata lil-qorti jidhrilha ġust; jew*
> *(b) li tikkontribwixxi dik is-somma lill-attiv tal-kumpannija bħala kumpens dwar l-eżerċizzju ħażin jew ksurta' dmir kif il-qorti jidhrilha ġust.*

Il-Qorti qed tiehu konjizzjoni tal-fatti hawn fuq esposti, mhux lanqas dak rapportat mir-ricevutur ufficjali, u ghalhekk ser tara illi l-provvedimenti tal-ligi jigu onorati minn kull min ghandu x'josserva, mhux lanqas ex ufficjali tal-kumpannija.

U dan qed jinghad b'referenza partikolari ghal **Gruppo Prefaco**, **Cauro**, **Perez**, u **Rene Le Henry** fost ohrajn. Fuq kollox, huwa stabbilit bil-ligi u bis-sentenza tal-Qorti, illi r-ricevitur ufficjali ghandu jkollu stampa cara ta l-introjtu kollu, inkluz ta' dak li qed jigi ggenerat ta kuljum mil-casinos, u l-valur tal assi, inkluz mill-avvjament, ta' kull azjenda u operat ta' dawn is-sussidjarji.

Irid jinghad f'dan il-kuntest, illi dan ix-xoghol kollu li jaghmel l-istralcarju u l-battikati kollha illi jiehu biex jassikura illi jkollu stampa cara u kompluta tal-assi kollha illi jinhtieg ikunu maghrufa sabiex l-istralc isir bl-ahjar mod possibbli huwa ukoll, u mhux lanqas, fl-interess tal-kredituri kollha tal-kumpannija xjolta, fosthom ir-rikorrenti.

Il-Qorti trid tiddikjara ukoll illi hija <u>qeghda tirrizerva</u> illi tipprovdi dwar dak li jipprovi l-artikolu 312(2) tal-KAP 386 b'mod partikolari jekk ikun il-kaz illi l-istralcjarju ihoss opportun iressaq rikors appositu.

## 4. Spejjes

Il-Qorti gja pprovdiet fis-sentenza taghha tat-28 ta' Marzu 2019 illi "l-*ispejjez kollha tal-eventwali stralc, inkluz il-hlas tad-drittijiet u tal-ispejjez tal-istralcjarju, jithallsu mill-intimata Pefaco International plc (C65718)"* – u dan il-Qorti mhux ser tvarjah.

Il-Qorti tapprezza u tifhem illi l-irkupru da parti tar-ricevitur ufficjali tas-sussidjarji kumpanniji f'gurisdizzjonijiet Afrikani minghand nies li suppost jikkooperaw mieghu anke ghax hekk ordnati jaghmlu, imma li mhux qed jikkoperaw bi ksur tal-ordni tal-Qorti u bi ksur tal-ligi, qed tinkorri xoghol u spejjes zejjed lill-istralcarju – imma dak

jitqies bhala parti mill-process ta' l-istralc li ghalih il-Qorti gja hasbet fid-decizjoni taghha kif hawn fuq jinghad. B'dana kollu, il-Qorti qeghda minn issa tirrizerva illi tvarja u/jew taggusta din il-posizzjoni il-quddiem jekk jidhrilha illi jkun jixraq illi jsir dan biex l-istralcarju jwettaq id-dmirjiet tieghu ahjar skond il-ligi.

Izda l-Qorti hija ben konsapevoli ta' spejjes li l-istralcarju ser ikollu jirrikorri ghalihom biex jiddefendi ruhu kontra l-akkuzi illi qed isirilu fil-Kosta tal-Ivorju u liema akkuzi, personali u penali, wasslu ghal dan id-digriet, liema spejjes huwa prevvist illi jlahhqu l-eluf ta' Euro, u l-Qorti jidhrilha, u ser tipprovdi dwar dan, illi tali spejjes, indipendentament minn dawk tal-istralc ordnat bis-sentenza hawn fuq citata, ghandhom jitqiesu separatament.

## 5. L-Artikoli 309 u 318 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta

> ***309**.(1) Jekk xi persuna, li qabel kienet jew li tkun uffiċjal ta' kumpanija –*
> *(a) skont l-aħjar tagħrif u twemmin tagħha ma tikxifx b'mod komplut u veru lill-istralċjarju l-proprjetà kollha, mobbli u immobbli, korporali jew inkorporali, tal-kumpanija, u kif u lil min u għal-liema konsiderazzjoni u meta l-kumpanija tkun iddisponiet minn xi parti minnha, ħlief għal dik il-parti li tista' tkun disposta fil-kors ordinarju tan-negozju tal-kumpanija; jew*
> *(b) ma tikkonsenjax lill-istralċjarju, jew kif jordna l-istralċjarju, il-proprjetà tal-kumpanija kollha jew dik il-parti minnha li tkun fil-kustodja jew taħt il-kontroll tagħha, u li hi meħtieġa bil-liġi li tikkonsenja; jew*
> *(ċ) ma tikkonsenjax lill-istralċjarju, jew kif jordna l-istralċjarju, il-kontijiet, ir-records tal-kontijiet u d-dokumenti kollha tal-kumpanija li jkunu fil-kustodja jew taħt il-kontroll tagħha, u li hi meħtieġa bil-liġi li tikkonsenja; jew*
> *(d) tagħmel xi nuqqas materjali f'xi dikjarazzjoni li għandha x'taqsam mal-affarijiet tal-kumpanija; jew*
> *(e) meta tkun taf jew temmen li dejn falz ikun ġie ppruvat minn xi persuna fl-istralċ, tonqos li tgħarraf lill-istralċjarju fi żmien xahar; jew*
> *(f) wara x-xoljiment tal-kumpanija ma tħallix li jkun prodott xi ktieb jew karta li tolqot jew li għandha x'taqsam mal-proprjetà jew mal-affarijiet tal-kumpanija; jew*
> *(g) wara x-xoljiment tal-kumpanija jew f'xi laqgħa tal-kredituri tal-kumpanija li ssir fi żmien tnax-il xahar minnufih qabel ix-xoljiment tal-kumpanija tipprova tikkontja għal xi parti tal-proprjetà tal-kumpanija b'telf jew spejjeż fittizji;*
> *tkun ħatja ta' reat u meta tinstab ħatja tista' teħel multa ta' mhux aktar minn mitejn u tnejn u tletin elf u disa' mija u sebgħa u tletin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (232,937.34) jew priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien jekk, fiż-żmien tal-egħmil tal-allegat reat, il-kumpanija tkun qed tiġi stralċjata, jew mill-qorti jew volontarjament, jew jekk, wara l-egħmil tal-allegat reat, il-kumpanija tkun xolta skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 214.*
> *(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-espressjoni "uffiċjal" għandha tinkludi kull persuna li skont id-direzzjonijiet jew l-istruzzjonijiet tagħha d-diretturi ta' kumpanija jkunu wżati jaġixxu.*

> ***318*** *Jekk fil-fehma tal-qorti waqt stralċ mill-qorti xi uffiċjal passat jew preżenti, jew xi membru tal-kumpanija, jew xi persuna oħra, kienet ħatja ta' xi reat dwar il-kumpanija li jkun reat taħt dan l-Att jew xort'oħra kienet responsabbli kriminalment għalih, il-qorti għandha, jew fuq ir-rikors ta' xi persuna li jkollha interess fl-istralċ jew fuq mozzjoni tagħha stess, tirreferi l-kwistjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija permezz tar-Reġistratur tal-Qrati.*

Il-Qorti qed taghmel referenza ghal dawn l-artikoli tal-ligi peress illi huwa car illi l-legislatur ried u haseb biex jkun kemm jista' jkun assikurat illi l-ufficjali tal-kumpannija jikkooperaw mar-ricevitur ufficjali. Tant haseb ghal dan il-legislatur, u tant l-proceduri ta' stralc huma importanti anke ghall-ordni pubbliku, illi l-legislatur haseb biex jaghmel reat in-nuqqas ta' ufficjali ta' kumpannija li ma jikkooperax mal-istralcarju.

Dan jixhed mhux biss l-importanza tar-rwol tar-ricevitur ufficjali, imma ukoll l-importanza tal-informazzjoni illi ghandu dritt ghalija minn ghand tali ufficjali tal-kumpannija stralcjata.

Il-Qorti ma tistghax ghalhekk ma tosservax kemm huwa aktar gravi, insensittiv, u mhux f'loku dak li qed jaghmlu l-fuq msemmija **Gruppo Prefaco**, **Olivier Cauro**, **Francis Perez**, u **Rene Le Henry** fost ohrajn billi, flok jonoraw l-obbligi taghhom skond il-ligi u l-ordnijiet tal-Qorti, jasslu biex jheddu u jnisslu biza' fir-ricevitur ufficjali billi jiehu l-passi legali kontrih fil-Kosta tal-Ivorju kif hawn fuq spjegat.

**Il-Qorti jidhrilha illi gja la darba l-imsemmija persuni dehrilhom opportun illi jassoggettaw ruhom ghall-gurisdizzjoni Maltija billi, b'mod dirett jew indirett, involvew ruhom f'kumpannija kummercjali registrata Malta, allura huma ghandhom jaraw illi josservaw il-ligijiet kollha ta' Malta minghajr eccezzjoni jew distinzjoni, u ukoll jirrikonoxxu u jbaxxu rashom quddiem id-decizjonijiet tal-Qrati Maltin u mhux jisfidawhom u jittentaw joskurawhom. Fuq kollox, huma taw ix-xhiedha taghhom f'dawn il-proceduri, nghataw l-opportunita' kollha sabiex iressqu l-kaz taghhom u qatt ma kien hemm ilmenti quddiem il-Qrati Maltin dwar dan.**

**Din il-Qorti mhux ser tittollera illi tigi imminata fl-awtorita' taghha billi jittiehdu mizuri f'gurisdizzjonijiet ohra sabiex l-ordinijiet ta' din il-Qorti fuq kumpannija registrata Malta ma jinghatawx effett.**

Ghalhekk, bl-applikabilita' ta' dawn il-provvedimenti, il-Qorti ser tiehu d-decizjonijiet opportuni kif spjegat aktar l-isfel.

## 6. Kwisjtoni Diplomatika

Finalment, il-Qorti trid illi kwisjtonijiet bhal dawn ikunu rizolti l-ewwel u qabel kollox b'mod civili u idealment ukoll b'mod diplomatiku.

Il-Qorti thoss illi meta cittadin Malti, ufficjal pubbliku Malti, ufficjali tal-Qorti Maltija, li, ghaliex ikun qieghed jaqdi d-doveri ufficjali tieghu bis-setghat moghtija lilu bil-ligi Maltija u bil-Qorti, jaffaccja problem f'gurisdizzjonijiet esteri, allura **ghandu jkun** necessarju ukoll intervent diplomatiku.

Certament illi mhux ser tkun din il-Qorti tghid x'mizuri diplimatici ghandhom jittiehdu, izda l-Qorti tahseb fuq almenu tlett mizuri illi jistghu jkunu utili u li thoss illi ghandha tissuggerixxi:

a) Fl-ewwel lok, il-Qorti jidhrilha illi ghandu jigi estiz b'mod immedjat l-immunita' illi r-ricevitur ufficjali igawdi fil-gurisdizzjoni Maltija. Ghal dan il-ghan, il-Qorti qed tissuggerixxi illi ghandha tigi mistharrga l-possibilita' illi, minghajr dewmien, jinhareg **state immunity certificate**.
   L-Oxford Public International Law Dictionary jispjega dan ic-certifikat bhala *State immunity protects a State and its property from the jurisdiction of the courts of another State. It covers administrative, civil, and criminal proceedings (jurisdictional immunity), as well as enforcement measures (enforcement immunity). It reflects the sovereign equality of States as a main pillar of the contemporary international legal order. State immunity is closely related to but distinct from diplomatic immunity and the immunity of heads of States ….*
   Minghajr ma l-Qorti tidhol f'wisq dettal peress illi mhix kompitu taghha, tghid biss illi hija jidhrilha illi ghandu jigi kkunsidrat li l-ufficjali tal-ufficju tar-ricevitur ufficjali fi hdan il-Malta Business Registry ghandhom jinghataw tali certifikat b'mod immedjat sabiex ikunu koperti minn theddid bhal ma huwa dak li qed isofri f'dan il-kaz ir-ricevitur ufficjali Dr Azzopardi u jitwaqqaf kwalsiasi biza' illi minn jikser il-ligi u l-ordinijiet tal-Qorti jinfliggi fuq tali ufficjali.

b) Fit-tieni lok illi jkun hemm diskussjonijiet diplomatici mal-Awtoritajiet tal-Kosta tal-Ivorju, mhux dawk gudizzjarji ghal ragunijiet ovvji, imma dawk amministrattivi bil-ghan u bil-hsieb illi jekk jista' jkun hemm zblokk fil-vertenza, din tinstab.

c) Fit-tielet lok illi l-istat Malti ghandu jassikura u fejn necessarju, jiffacilita l-mod kif r-ricevitur ufficjali jinghata l-**<u>AQWA</u>** assistenza legali sabiex jiddefendi ruhu quddiem il-Qrati fil-Kosta tal-Ivorju. Dan kemm bi kwalsiasi assistenza f'Malta u minn Malta, izda ukoll bi kwalsiasi assistenza legali tajba u effettiva fil-Kosta tal-Ivorju.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet ghalhekk, il-Qorti qeghhda tghaddi biex tiddeciedi dwar ir-rikors tar-Ricevitur Ufficjali tas-6 ta' April 2022 billi:

- **<u>TALBA NRU 1</u>**

**<u>TASTJENI</u>** milli tipprovdi dwar l-ewwel talba, cioe`, *illi tirrikjama l-kawża odjerna li tinstab differita għad-9 ta' Mejju 2022 għal data kemm jista jkun fil-qrib skont ma dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi sabiex dan ir-rikors jinstema b' urġenza*, peress illi dan gja sar bid-digriet taghha tal-11 ta' April 2022.

- **<u>TALBA NRU 2</u>**

**<u>TILQA'</u>** it-tieni talba maghmula, meta ntalab illi *irrispettivament mill-ewwel talba, jekk ikun hemm bzonn anki in camera stante l-urġenza, tipprovdi bl-aħjar mod li*

*jidhrilha xieraq għal protezzjoni mistħoqqa tal-esponenti kemm fil-kwalita tiegħu ta' Riċevitur Uffiċjali, dik ta' stralċarju maħtur taħt l-awtorita ta' dina l-Onorabbli Qorti, kif ukoll f'ismu personali, permezz ta' dawk l-ordnijiet li jidrilha xierqa u opportuni, fosthom jekk jidhrilha xieraq, dawk diplomatiċi*, u dan billi:

**Tordna** lir-ricevitur ufficjali sabiex jikkomunika minghajr dewmien mal-**Kummissarju tal-Pulizija** sabiex iressaq il-quddiem kwalsiasi rapport idoneju ai termini tal-provvedimenti tal-KAP 386 li hawn fuq saret referenza ghalihom.

Il-Qorti qeghda **tissolecita u theggeg lill-Kumissarju tal-Pulizija** sabiex minghajr dewmien u in esekuzzjoni tal-ordnijiet ta' din il-Qorti, jiehu l-passi kollha opportuni u relattivi kontra **Gruppo Prefaco –** ufficcju registrat Calle Muntaner, 262.6 08021, Barcellona, Spanja, **Olivier Cauro** - detentur ta numru tal-passaport Franciz bin-numru 13FV18099, **Francis Perez** - detentur ta numru tal-passaport Franciz bin-numru 10AY73861, u **Rene Le Henry** u persuni ohrajn illi talvolta ghad jistghu jkunu indikati mir-ricevitur ufficjali.

**Tordna** lir-ricevitur ufficjali sabiex jikkomunika minghajr dewmien mal-**Financial Intelligence Analysis Unit (FIAU)** sabiex iressaq il-quddiem kwalsiasi rapport idoneju minhabba suspett ta' hasil ta' flus.

Il-Qorti qeghda **tissolecita u theggeg lill-FIAU** sabiex minghajr dewmien u in esekuzzjoni tal-ordnijiet ta' din il-Qorti, tiehu l-passi kollha opportuni u relattivi kontra **Gruppo Prefaco –** ufficcju registrat Calle Muntaner, 262.6 08021, Barcellona, Spanja, **Olivier Cauro** - detentur ta numru tal-passaport Franciz bin-numru 13FV18099, **Francis Perez** - detentur ta numru tal-passaport Franciz bin-numru 10AY73861, u **Rene Le Henry** u persuni ohrajn illi talvolta ghad jistghu jkunu indikati mir-ricevitur ufficjali.

**Tordna** lir-ricevitur ufficjali sabiex minnufieh jikkomunika mal-**Ufficcju tal-Avukat Generali** u mal-**Ufficcju tal-Avukat tal-Istat** sabiex jara kif l-ahjar u bl-aktar mod efficjenti, dawn iz-zewg ufficcji jaghtu l-assistenza taghhom lir-ricevitur ufficjali.

Il-Qorti qeghda **tissolecita u theggeg lill-istess Avukat Generali u Avukat tal-IStat** sabiex minghajr dewmien jaghtu l-assistenza kollha necessarja u possibbli lir-ricevitur ufficjali.

**Tordna** lir-ricevitur ufficjali sabiex minnufih jikkomunika mal-**Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta** ghall-iskopijiet hawn fuq msemmija fil-konsiderazzjoni numru 6 intestata "Kwistjoni Diplomatika".

Il-Qorti qeghda, ghal dan il-ghan, **tissolecita u theggeg lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin f'Malta** sabiex jaghti kull assistenza u ghajnuna necessarja lir-ricevitur ufficjali.

- **TALBA NRU 3**

**TILQA’** it-tielet talba fejn intalab illi l-Qorti *tordna sabiex is-socjeta` xolta Pefaco International Ltd u d-diretturi u azzjonisti tagħha, jew min minnhom, tenut kont li l-kumpanija xolta għad m’għandiex attiv f’idejn l-istralċarju, jagħmlu tajjeb, inkluż b’għoti ta’ garanzija finanzjarja li titħallas taħt l-Awtorita` ta’ dina l-Onorabbli Qorti in tutela ta’ l-ispejjeż li l-esponenti nkorra u se jinkorri in konnesjoni ma din il-kwistjoni, u li tirriserva li tvarja fi stadju ulterjuri l-ammont ta’ tali garanzija jekk jirriżulta li l-ammont inizjali ma jkunx suffiċjenti sabiex jiġu koperti l-ispejjeż kollha, fosthom dawk ta’ espert f’Malta kif ukoll id-difiża tiegħu quddiem il-Qrati fil-Kosta ta’ l-Ivorju, u dan bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 312 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta’ Malta, u liena garanzija tkun tista’ tissarraf mill-esponenti bil-preżentata ta’ interpellazzjoni għal ħlas mill-Avukati lokali jew esteri tiegħu, jew minn entita jew Awtorita` lokali jew estera, skond il-każ* fis-sens illi:

**Tordna** lis-socjeta’ xjolta u lid-diretturi u azzjonisti taghha kollha, inkluz mir-rikorrenti, sabiex flimkien u in solidum bejniethom, jiddepozitaw taht l-Awtorita’ ta’ din il-Qorti is-somma ta’ hamsin elf Euro (€50,000), u dan fi zmien xahar mill-llum.

**Tordna** illi mill-imsemmija somma hekk depositata, ir-ricevitur ufficjali jkun jista’ jaghmel talba ghal zbank ta’ flus sabiex ikun rimborsat ghal spejjes legali u spejjes ohra illi huwa jista’ jkun inkorra in konessjoni mal-proceduri li qed ikollu jghaddi minnhom fil-Kosta tal-Ivorju. Tali zbanek ghandhom isiru biss kontra ricevuti apposite u bl-apporvazzjoni ta’ din il-Qorti.

Il-Qorti qed **tirrizerva** illi tipprovdi ghal disprezz lejn l-Awtorita’ taghha jekk id-depozitu ma jsirx.

Il-Qorti qeghda ukoll **tirrizerva** illi tordna depositi ulterjuri jekk jigi muri illi huwa hekk mehtieg.

- **TALBA NRU 4**

**TASTJENI** milli tipprovdi dwar ir-raba’ talba*, ossia, sabiex fil każ li l-ordni dwar il-garanzija msemmija fit-talba preċedenti tkun fil-konfront ta’ uħud biss mill-presuni msemmija fit-talba preċedenti, temporanjament stante l-urġenza tal-kwistjoni, tali garanzija, jew ħlasijiet relatati mad-difiża msemmija hawn fuq, jitħallsu mil-atturi jew min minnhom f’din il-kawża* u dan ghal mod kif giet deciza it-tielet talba.

- **<u>TALBA NRU 5</u>**

**<u>TILQA'</u>** l-hames talba maghmula, sabiex il-Qorti *issib lid-diretturi u azzjonisti tas-socjeta` xolta msemmija, ossia Olivier Cauro, Rene` Le Henry u Grupo Pefaco ħatja ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti talli intavolaw proceduri quddiem il-Qrati tal-Kosta ta' l-Ivorju kontra l-esponenti, li huwa biss il-lunga manus ta' dina l-Onorabbli Qorti bħala likwidatur tagħha u Ricevutur Uffiċjali, skond il-Liġi, bl-intenzjoni ċara li jfixklu l-kompitu ta' din il-Qorti fl-istralċ tas-soċjeta` xolta Pefaco International plc* <u>fis-sens illi</u>:

Issir referenza ghall-ordni hawn fuq moghtija sabiex ai termini tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq citati, ir-ricevitur ufficjali jmur ghand il-Kumissarju tal-Pulizija u jressaq l-ilmenti tieghu mieghu bil-ghan illi l-Pulizija tinvestiga u jekk ikun il-kaz tipprocedi, fuq agir illegali ta' **Olivier Cauro, Rene` Le Henry u Grupo Pefaco.**

Illi dan qed jinghad mhux limitatament ghall-proceduri fil-Kosta tal-Ivorju, li r-ricevitur ihoss illi qeghdin isiru biss biex ifixxkluh fil-kompitu tieghu, u li l-Qorti odjerna thoss, gja la darba illi r-ricevitur hekk qed ihossu, u giustament, illi qed jigi mxekkel milli jaqdi l-inkarigu lilu fdat minn din il-Qorti, imma ukoll ghan-nuqqasijiet kollha li l-Pulizija Ezekuttiva ghad jista' jirrizultala da parti tal-imsemmija persuni fl-obbligi taghhom skond il-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq citati.

- **<u>TALBA NRU 6</u>**

**<u>TILQA'</u>** t-talba numru 6 fis-sens illi *tordna, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 318 tal-Kap.386 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga u jixli lill-istess Olivier Cauro, Rene` Le Henry, Pefaco International plc u Grupo Pefaco bir-reati kontemplati fl-Artikolu 309(1) tal-Kap. 386, bl-attentat tar-reat kontemplat fl-Artikolu 91, u r-reati kontemplati fl-Artikoli 95, 101, 251 u 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll għal kull reat ieħor li jista' jidhirlu opportun, quddiem il-Qrati kompetenti ta' Malta ta' gurisdizzjoni kriminali* <u>fis-sens illi:</u>

<u>Tordna</u> lir-ricevitur ufficjali sabiex minghajr dewmien jaghmel ir-rapporti tieghu mal-Kummissarju tal-Pulizija fil-kuntest hawn fuq mitlub.

<u>Tissolecita</u> u <u>theggeg</u> lill-Pulzija Ezekuttiva sabiex tiehu azzjoni minghajr dewmien, jekk hemm bzonn billi jingiebu l-persuni relattivi bil-proceduri internazzjonali applikabbli, sabiex, *qua* ufficjali ta' kumpannija registrata Malta, jirrispondu ghall-eghmil taghhom, li fil-kuntest hawn fuq spjegat, din il-Qorti tqis ukoll bhala disprezz lejn l-Awtorita' taghha.

- **<u>TALBA NRU 7</u>**

**<u>TILQA'</u>** s-seba' talba maghula, dik sabiex *tordna, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 318 tal-Kap.386 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga u jixli lil kull min huwa parteċipi fl-aġir hawn fuq imsemmi u kif ulterjorment jista' jirriżulta wara d-debita investigazzjoni mill-istess Kummissarju, għar-reati kriminali fosthom il-misapproprjazzjoni u l-ħasil ta' flus, u reati oħra kontemplati fil-Liġi Maltija*, <u>in linea u fis-sens hawn fuq deciz</u>.

**MINHABBA**:

(a) n-natura tal-kaz,
(b) dak li l-Qorti qed tqis bhala theddida fuq l-ufficcju tar-Ricevitur Ufficjali, ukoll fuq il-persuna tal-istess Dr Kevan Azzopardi,
(c) l-problemi illi l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja tista' taffaccja kif hawn fuq spjegat,
(d) peress illi l-Qorti thoss illi hemm ksur lampanti ta' ordnijiet taghha u ligijiet Maltin da parti ta' ufficjali ta' kumpannija registrata Malta, li rreagixxew billi hadu passi kontra ufficjal pubbliku Malti u ufficjal tal-Qorti Maltija f'gurisdizzjoni barranija, dik tal-Kosta tal-Ivorju,

il-Qorti, fil-kuntest ta' dan kollu hawn fuq osservat u deciz, tqis opportun illi tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex minnufih jinnotifika dan id-digriet:

1. Lill-**<u>Prim Ministru ta' Malta</u>** in kwantu illi si tratta ta' ufficjal tal-istat u tal-Qorti u jimmerita illi l-Kap tal-Gvern Malti jkun konxju ta' din il-vertenza u dan l-akkadut;

2. Lill-**<u>Ministru ghal-Affarijiet Barranin</u>** in kwantu l-isforzi diplomatici u misuri ohra illi l-Ministeru qed jigi sollecitat illi jiehu;

3. Lill-**<u>Ministru ghall-Ekonomija</u>** li taht ir-responsabbilita' tieghu jaqa' il-Malta Business Registry, sabiex jiehu konjizzjoni ta' dak li gie hawn fuq diskuss u jara ghandux jipproponi xi emendi fil-ligi;

4. Lill-**<u>Ministru ghall-Gustizzja</u>** in kwantu illi din it-theddida li qed jaffaccja ir-ricevitur ufficjali tista' thezzez proprju l-qafas legali li fih topera l-Qorti odjerna u l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja f'kawzi ta' xoljiment;

5. Lill-**<u>Kummissajru tal-Pulizija</u>** ghall-ahjar attenzjoni tieghu sabiex fejn jhoss illi ghandu jinvestiga u jipprocedi, allura jaghmel dan;

6. Lill-**<u>Avukat Generali</u>** ghall-ahjar attenzjoni tieghu fil-kuntest hawn fuq deciz;

7. Lill-**Avukat tal-Istat** ghall-ahjar attenzjoni tieghu fil-kuntest hawn fuq deciz;

8. Lid-**Direttur FIAU** ghall-ahjar attenzjoni tieghu sabiex fejn jhoss li ghandu jinvestiga u jipprocedi, allura jaghmel dan;

9. Lid-**Direttur Malta Business Registry** ghall-ahjar attenzjoni tieghu sabiex joffri l-protezzjoni tieghu kollha lill-ufficjali tieghu.

Digriet kamerali moghti llum il-Gimgha 29 ta' April 2022.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
Imhallef

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur